

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2009/163/UE

tat-22 ta' Diċembru 2009

li temenda d-Direttiva 94/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jagħtu l-ħlewwa għall-użu fl-oġġetti tal-ikel fir-rigward tan-neotame

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA),

Billi:

- (1) Id-Direttiva 94/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu fl-oġġetti tal-ikel⁽²⁾ telenka lista ta' sustanzi għall-ħlewwa li jistgħu jintużaw fl-Unjoni u l-kondizzjonijiet għall-użu tagħhom.
- (2) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) ivvalutat is-sigurtà tan-neotame bħala sustanza għall-ħlewwa u t-taħwir u esprimiet l-opinjoni tagħha tas-27 ta' Settembru 2007⁽³⁾. Wara li kkunsidrat id-dejta kollha dwar l-istabbiltà, il-prodotti ta' degradazzjoni u t-tossikoloġija, l-EFSA kkonkludiet li n-neotame mhijiex ta' tħassib għas-sigurtà fir-rigward tal-użi proposti bħala sustanza għall-ħlewwa u t-taħwir u stabbiliet it-Teħid Aċċettabbli ta' Kuljum (TAK) ta' 0—2 mg/kg bw/jum. L-EFSA nnotat ukoll li l-estimi konservattivi tal-esponiment għan-neotame fid-dieta kemm fl-adulti kif ukoll fitfal jissuġġerixxu li huwa improbabbli ħafna li t-TAK jinqabeż fil-livelli tal-użu proposti.
- (3) In-neotame hija sustanza li tagħti ħlewwa intensiva ħafna b'qawwa ta' ħlewwa li tvarja bejn is-7 000 u t-13 000 darba aktar minn dik tas-sukrożju. Tista' tintuża bħala sostitut għas-sukrożju jew għal sustanzi ta' ħlewwa oħra f'sensjela wiesgħa ta' prodotti. In-neotame tista' tintuża weħidha jew ma' sustanzi tal-ħlewwa oħra. Barra dan, in-neotame tista' tbiddel it-taħwir tal-ikel u tax-xarbiel.
- (4) Huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Anness tad-Direttiva 94/35/KE biex jippermetti l-użu tan-neotame fl-istess applikazzjonijiet tal-ikel bħas-sustanzi l-oħra ta' ħlewwa

intensivi bħalissa approvati. In-neotame għandha tingħata numru E ġdid, li huwa E 961. Sabiex jiġi ffaċilitat it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' din is-sustanza ta' ħlewwa ġdida, huwa stabbilit li prodotti li huma konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jistgħu jitqiegħdu fis-suq mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

- (5) Skont il-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet⁽⁴⁾, l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, għalihom infushom u fl-interessi tal-Unjoni, it-tabelli tagħhom stess, li se juru, sa fejn ikun possibbli, il-korre-lazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u jagħmluhom pubbliċi.
- (6) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness tad-Direttiva 94/35/KE hu emendat b'mod konformi mal-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-12 ta' Ottubru 2010. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

3. Prodotti li huma konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jistgħu jitqiegħdu fis-suq mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

⁽¹⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

⁽²⁾ ĠU L 237, 10.9.1994, p. 3.

⁽³⁾ Opinjoni Xjentifika tal-Panil dwar l-Addittivi fl-Ikel, is-Sustanzi ta-Taħwir, l-Għajjniet tal-Ipproċessar u l-Materjali f'Kuntatt mal-Ikel fuq talba mill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tan-Neotame bħala sustanza għall-ħlewwa u t-taħwir. Il-Ġurnal tal-EFSA (2007) 581, 1-43.

⁽⁴⁾ ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, it-22 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kummissjoni
José Manuel BARROSO
Il-President

ANNEX

Fl-Anness tad-Direttiva 94/35/KE l-annotazzjoni li ġeja E 961 tiddaħħal wara l-annotazzjoni E 959:

Nru KE	Isem	Prodotti tal-ikel	Doża massima li tista' tintuża
"E 961	Neotame	Xorb mhux alkoħoliku	
		Xorb bit-togħma bbażat fuq l-ilma, bl-enerġija mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud	20 mg/l
		Xorb fuq bażi ta' ħalib jew fuq bażi miksuba mill-ħalib jew fuq bażi ta' sugu tal-frott, bl-enerġija mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud	20 mg/l
		Deżerti u prodotti simili	
		Deżerti bit-togħma bbażati fuq l-ilma, bl-enerġija mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud	32 mg/kg
		Preparazzjonijiet tal-ħalib u fuq bażi miksuba mill-ħalib, bl-enerġija mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud	32 mg/kg
		Deżerti bbażati fuq il-frott u l-ħxejjex, bl-enerġija mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud	32 mg/kg
		Deżerti bbażati fuq il-bajd, bl-enerġija mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud	32 mg/kg
		Deżerti bbażati fuq iċ-ċereali, bl-enerġija mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud	32 mg/kg
		Deżerti bbażati fuq ix-xaħam, bl-enerġija mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud	32 mg/kg
		Ikliet ħfief: ċerti togħmiet ta' prodotti tal-lamtu aromatizzati, imnexxfen, ippakkettati minn qabel, lesti għall-ikel u ġewż miksi	18 mg/kg
		Ħlewwiet	
		Ħlewwiet mingħajr zokkor miżjud	32 mg/kg
		Ħlewwiet tal-kawkaw jew ibbażati fuq il-frott imnixxef, bl-enerġija mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud	65 mg/kg
		Ħlewwiet bbażati fuq il-lamtu, bl-enerġija mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud	65 mg/kg
		Kornets u wejfers, għall-ġelati, mingħajr zokkor miżjud	60 mg/kg
		<i>Essoblaten</i>	60 mg/kg
		Pejst tal-kawkaw jew ibbażat fuq il-ħalib, il-frott imnixxef jew ix-xaħam, bl-enerġija mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud	32 mg/kg
		Ċereali għall-kolazzjon b'kontenut ta' fibra ta' aktar minn 15 %, u li fihom mill-inqas 20 % nuħħala, bl-enerġija mnaqqa jew mingħajr zokkor miżjud	32 mg/kg
		Ħelu żgħir ħafna li jiffriska l-ħalq, mingħajr zokkor miżjud	200 mg/kg
		Mustardini għall-grizmejn b'togħma qawwija ħafna mingħajr zokkor miżjud	65 mg/kg
		Ċjuwing ġamm mingħajr zokkor miżjud	250 mg/kg
		Ħlewwiet f'forma ta' pilloli bl-enerġija mnaqqa	15 mg/kg
Sajder u perri	20 mg/l		
Xorb magħmul minn taħlita ta' xarba mhux alkoħolika u birra, sajder, spiriti jew inbid	20 mg/l		

Nru KE	Isem	Prodotti tal-ikel	Doża massima li tista' tintuża
		Xorb spirituż b'volum ta' alkoħol ta' inqas minn 15 %	20 mg/l
		Birra mingħajr alkoħol jew b'kontenut tal-alkoħol li ma jaqbix il-1,2 % vol.	20 mg/l
		Bière de table/Tafelbier/Table beer (b'kontenut oriġinali ta' malt wara l-fermentazzjoni (wort) ta' inqas minn 6 %) għajr l-'Oberjähriges Einfachbier'	20 mg/l
		Birer b'aċidità minima ta' 30 milli-ekwivalenti espressi bħala NaOH	20 mg/l
		Birer kannella tat-tip 'oud bruin'	20 mg/l
		Birra bl-enerġija mnaqqsa	1 mg/l
		Silġ li jittiekel, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	26 mg/kg
		Frott fil-laned jew fliexken, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	32 mg/kg
		Ġamm bl-enerġija mnaqqsa, ġeli u marmellati	32 mg/kg
		Frott u preparazzjonijiet tal-ħxejjex bl-enerġija mnaqqsa	32 mg/kg
		Priservi ta' frott u ħxejjex b'toġhma ħelwa-qarsa	10 mg/kg
		<i>Feinkostsalat</i>	12 mg/kg
		Priservi b'toġhma ħelwa-qarsa u ħut u mmarinat tal-ħut semi-ppriservat, krostaċċi u molluski	10 mg/kg
		Sopop bl-enerġija mnaqqsa	5 mg/l
		Zlazi	12 mg/kg
		Mustarda	12 mg/kg
		Prodotti moħmija fini għall-użu ta' nutrizzjoni speċjali	55 mg/kg
		Ikel maħsub għall-użu f'dieti ta' restrizzjoni ta' enerġija għattnaqis fil-piż kif imsemmi fid-Direttiva 1996/8/KE	26 mg/kg
		Ikel dietetiku għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fid-Direttiva 1999/21/KE	32 mg/kg
		Supplimenti ta' ikel kif definit fid-Direttiva 2002/46/KE fornuti f'forma likwida	20 mg/kg
		Supplimenti ta' ikel kif definit fid-Direttiva 2002/46/KE fornuti f'forma solida	60 mg/kg
		Supplimenti ta' ikel kif definit fid-Direttiva 2002/46/KE bbażati fuq vitamini u/jew elementi ta' minerali u fornuti f'tip ta' ġulepp jew li jistgħu jintmagħdu	185 mg/kg
		Sustanzi li jagħtu l-ħlewwa ta' fuq il-mejda	<i>quantum satis</i>